MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 533/2002

**Continental Purchasing Company Limited**

**vs**

**Joseph Balzan**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm3,658.48) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, kollox ai termini tal-fatturi u "statements of accounts" gia fil-pussess tieghu.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-19 ta' Settembru, 2002, kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment mal-prezentata ta' l-Avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.